# SME HELPDESK

ISSUE 11
3 TA' NOVEMBRU 2014




# € 25,000 f'konsulenza lil għaxar sidien ta' negozji żgħar ...

## L-SME Business Clinic

Permezz ta' l-ewwel attivita' tax-xorta tagħha – l-*SME Business Clinic*, li l-MEA ħadet ħsieb li torganizza il-ġimgħa li għaddiet, 10 intrapriżi żgħar ingħataw il-possibilita li jibbenefikaw bejniethom sa massimu ta'  €25,000 f'konsulenza sabiex ikunu jistgħu itejbu l-operat tan-negozju tagħhom.

Kienet attivita' li ġiet organizzata mill-*SME Help*desk tal-Assoċjazzjoni ta' Min Iħaddem, bħala parti mill-ġimgħa ta' attivitajiet imsejħa *MALTA SME WEEK 2014*.

L-*SME Business Clinic Workshop*, kien parti minn attivita' ferm ikbar li l-*EU Commission*, organizzat dwar kif imprenditur jista' jagħmel użu aħjar minn skemi ta' għajnuniet finanzjarji ko-finanzjati mill–Unjoni Ewropea.

Kollaboratur importanti kien il-Ministeru ta' l-Ekonomija, Investiment u Negozji Żgħar, li permezz tiegħu, l-MEA setgħet tipparteċipa f'dan il-programm tal-*SME WEEK*,  li ġie imfassal f'Malta, għal din is-sena.

Hija attivita' li saret f'*Spinola Suite* tal-*Hilton Hotel*, Portomaso, San Ġiljan, nhar il-Ġimgħa 24 ta' Ottubru 2014.

**Segretarjat ta' l- MEA:**

*Direttur Ġenerali*
Joseph Farrugia

*Avukat*
Dr Charlotte Camilleri

*Uffiċċjal Eżekuttiv ta' l-SME Helpdesk*
Anton Vella

*Segretarja*
Dorianne Azzopardi Cilia

© SME HELPDESK hu ippreparat u ċċirkulat mill-
ASSOĊJAZZJONI TA' MIN IĦADDEM

35/1, South Street,
Valletta VLT 1100, Malta
t: (+356) 21237585, 21222992
24/7 helpline: (+356) 21222006
f: (+356) 21230227
maltaemployers.com

CORPORATE SPONSOR




**Anton Vella, Uffiċċjal Eżekuttiv ta' l-SME Helpdesk**

Għal dan il-*Business Clinic Workshop session*, attendew numru ta' imprendituri / *employers*, sidien ta' negozji żgħar, li assistew għal tlett preżentazzjonijiet minn tlett konsulenti esperti fin-negozju, li iggwidawhom kif jistgħu jagħmlu analiżi profonda fuq l-operat tan-negozju,u kif iħarsu -il quddiem sabiex itejbu fuq dak li bnew sa issa.

Il-laqgħa li tmexxiet mis-Sur Joseph Farrugia, Direttur Ġenerali tal-MEA, bdiet b'introduzzjoni qasira minni Anton Vella, (*SME Helpdesk Executive*)  li tajt *overview* lil dawk preżenti,  dwar l-intenzjoni ta kif kellu jitħaddem il-proċess tal-*SME Business Clinic*, li kienu ser jassistu għalieh tul is-sagħtejn li kellhom quddiemhom.

Imbagħad tlett esperti fin-negozju, ċioe, s-Sur John Portelli, s-Sur George Cassola kif ukoll is-Sur David Grech, taw preżentazzjoni interessanti, dwar kif wieħed għandu jieħu ħsieb it-tmexxija tan-negozju tiegħu, kif imprenditur jagħraf iħaddem flusu fin-negozju, kif ukoll, kif wieħed jista jiddiversifika u jaffaċċja  sfidi waqt proċess ta' bidu  ta' negozju ġdid.

Is-Sur Mark Pizzuto, f'isem il-*Malta Enterprise*, spjega lil dawk preżenti, kif huma jistgħu jagħmlu użu aħjar minn skema eżistenti, imfassla biex tgħin negozji li jkunu għaddejjin minn xi diffiikultajiet.

l-attivita' imbagħad tagħat opportunita' lil kull min xtaq jistaqsi lil esperti preżenti, u hawn żvolġiet diskussjoni verament interessanti. Fost is-suġġetti li tqajjmu kien hemm id-diffikultajiet li f'xi drabi il-persuni femminili, jiltaqgħu magħhom, waqt proċess ta' mili ta' applikazzjonijiet għal għajnuna taħt diversi skemi, u kif dawn sfortunatament jiltaqgħu ma' ostakoli mhux mistennijja, sakemm  jiġu rikonoxxuti bħala benefiċjarji.

Ġie diskuss ukoll l-aspett ta' burokrazija żejda, u spejjez esaġerati, *issues* li hemm bżonn li jiġu indirizzati, sabiex b'hekk sidien ta' negozji żgħar jiġu nkoraġġiti li japplikaw għal diversi għajnuniet mingħajr l-obbligu li jidħlu għal diversi pizijiet żejda.

Kien hawn li 10 imprendituri minn fost dawk preżenti, laqgħu l-istedina tal-MEA sabiex jaghmlu pass -il quddiem u japplikaw għal numru ta' sigħat ta' konsulenza b'xejn, sabiex ikunu jistgħu jidentifikaw fejn jistgħu ikunu aħjar, u jibbenefikaw minn pariri siewja ta' kif jistgħu jinvestu, u jtejbu l-operat tagħhom.

10 sigħat ta konsulenza f'suġġetti partikolari, b'xejn. Huwa stmat li kull sessjoni ta' 10 sigħat, tiswa xejn inqas minn 500 ewro, u kull imprenditur huwa intitolat li jista jieħu sa ħames suġġetti differenti, u b'hekk fl-aħħar mill-aħħar ikun ibbenefika minn massimu ta' 2,500 ewro f'konsulenza, mingħajr ma jkun ħareġ  ewro wieħed mill-but tiegħu.

L-iSkema, li jisimha *"Business Advisory Services Scheme"*,  ilha teżisti, iżda issa permezz ta' dan l-*SME Business Clinic Workshop*, numru ta' SMEs ingħataw l-opportunita' li jkunu jafu aktar eżattament x'inhi din l-iskema u f'hix tikkonsisti, u ġew imħajjra jibbenefikaw mlil-benefiċċji li l-istess skema toffri lil negozji li jkunu jixtiequ l-għajnuna.

L-*SME Helpdesk*, ser ikun qed isegwi l-applikazzjonijiet kollha li ser ikunu qed jidħlu l-*Malta Enterprise*, fil-jiem li ġejjin sabiex jassigura li kullħadd jibbenefika minn dawn l-10 sigħat ta' konsulenza b'xejn,mingħajr intoppi, fis-suġġett li jagħżlu li jingħataw l-għajnuna.

Bħala MEA ser inkunu qed noffru servizz ta' *handholding*, lil dawn l-għaxar intrapriżi żgħar, u -il quddiem, lil aktar *employers* li jiddeċiedu li jipparteċipaw f'din l-iskema u fi skemi oħrajn.

Filwaqt li nirringrazzja lil kull min għen sabiex din l-attivita tkun suċċess, nieħu din l-opportunita' sabiex nirringrazzja ukoll lil kull min għoġbu jaċċetta l-istedina tagħna, u jattendi, għal din l-ewwel attivita' tax-xorta tagħha.

Dan għadu biss il-bidu ta' ħolma, li l-MEA tixtieq li tarha titwettaq fix-xhur u is-snin li ġejjin.

L-MEA, ser tkun qed tippersisti mal-awtoritajiet ikkonċernati, sabiex eventwalment tixpruna l-idea li eventwalment f'Malta jkollna struttura permanenti, li toffri servizz minn *business doctors* f'*Business Clinic*, għal dawk in-negozji żgħar, li jkunu għaddejjin minn xi diffikultajiet.




**Mix-xellug għal-lemin: Joseph Farrugia, Direttur Ġenerali - MEA, Arthur Muscat, President – MEA**

L-MEA tapprezza jekk issib l-appoġġ ta' ħafna minnkom f'dan il proġett pilota. Għalhekk qed tappella lil kull min jaqbel ma din l-idea, sabiex jikkuntattjana, u jappoġġjana, u min għadu ma huwiex membru jissieħeb magħna, u b'hekk ikun qed isaħħilna idejna sabiex inkomplu naħdmu u nitkellmu f'isimkom ilkoll.




**Mix-xellug għal-lemin: Joseph Farrugia, Direttur Ġenerali - MEA, Arthur Muscat, President – MEA, John Portelli, George Cassola, David Grech, and Mark Pizzuto – Malta Enterprise**

Sabiex issiru membri, tistgħu tikkuntattjawna fuq admin@maltaemployers.com




David Grech – Malta Enterprise




John Portelli – Aspects Ltd







Mark Pizzuto – Malta Enterprise




George Cassola – Malta Enterprise

SPECIALISTS IN CUSTOM MADE DISPLAYS FOR SUPERMARKETS AND STORES










ZAFFARESE
signs + display ltd

Tel: 21484305/6
info@zaffarese.com
www.zaffarese.com